# LEĦEN IL-MALTI

APRIL-ĠUNJU 1949. ID-DSATAX-IL SENA Għadd 218-220.

# *Ittra miftuħa lill-Grammastru Emmanuele Pinto*

(*Tal*-PROF. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

*Eminenza,*

*Sibt ġurnata ma kellix x'nagħmel ħafna u mort San Ġwann. Mort inżur l-oqbra u l-monumenti tal-Grammastri. Fittixt tiegħek u stennejt li kelli nsib wieħed mill-aktar monumenti majestużi, imma sibt wieħed mill-aktar umli. Lanqas bust ta' l-irħam jew tal-bronż bħal tal-Grammastru De Vilhena li l-monument tiegħu qiegħed ħdejn tiegħek. Daqsxejn ta' kwadru nofs ġisem u fejnek sinjorina bil-ġwienaħ kbar 'taparsi anġlu imma aktar tixbaħ lil tfajla sabiħa li donnha trid tittajjar minn ġo San Ġwann bħal għasfur li joħroġ 'il barra biex jinnamra, donnha xebgħet tgħajjatlek tqum min-nagħsa tqila. U n-naħa l-oħra tagħha daqsxejn ta' tifel 'ta' sentejn iħares lejk donnu ma jistax jifhem għalfejn qegħduh għassa tiegħek — l-isbaħ kuntrast bejn l-innoċenza anġelika u t-tbissima qarsa ta' bniedem ċiniku li seraq il-fondi ta' l-erwieħ, u xħin fuq is-sodda tal-mewt talbuh iroddhom wieġeb biered biered biex ma jħabbtux rashom għax hu kien dalwaqt tielaq minn did-dinja u jirranġa kollox hu ma' l-erwieħ. Stennejt monument kbir u majestuż, kif jixraq lil prinċep kburi li f'ħajtu ma kellux xewqa oħra ħlief li jikber u dejjem jikber, iħabbatha ma' l-aqwa slaten, li jkun* Le Roi Soleil *tal-gżira tax-xemx u l-baħar. Il-Gran Mastri sħabek kitbulhom skrizzjonijiet li jgħollu sas-sema bit-tifħir kull ħaġa kbira u żgħira illi għamlu. Sas-sultan Gessan li dam isaltan erba' xhur biss għandu skrizzjoni twila twila. L-iskrizzjoni ta' fuq il-monument tiegħek donnha l-iskrizzjoni ta' bniedem modest li jobgħod it-tifħir. Taħt l-iskrizzjoni tiegħek qrajt: "Hunc monumentum grato amore posuit." U saqsejt lili nnifsi: "Tgħid min għamel din l-iskrizzjoni kien sinċier jew kien wieħed minn dawk li għalih is-sinċerità mal-kbar hija lussu?" Jekk kien tassew sinċier, Eminenza, huwa wera fi ftit kliem li kien iħobbok; ma setax kien wieħed minn dawk li kienu qegħdin jistennewk tinbaram minn ħin għall-ieħor biex tbattal l-ogħla post fl-Ordni għal wieħed minn-*

*hom. L-unuri, Eminenza, huma bħal lotterija. Il-flus jeħodhom wieħed, imma sakemm jintrebħu kulħadd jaħseb li sa jmissu lilu. Għalhekk fl-istorja naraw dik il-għira, tnassis, u sa mibegħda kontra s-slaten ta' fuq it-tron. In-nies tad-dinja jmutu għall-unuri. Bħalek, Eminenza; int ukoll kont tmut għalihom. Kont trid tissemma, kont trid min isellimlek, kont trid min jagħżlek fost l-oħrajn bħala l-akbar u l-aqwa.*

*Imma, Eminenza, jekk ma teħux għalik, ikolli ngħidlek li kont daqsxejn imprudenti. X'fettillek domt issaħħan it-tron ta' l-Ordni 32 sena? Qatt m'għaddielek minn rasek li kien hemm kavalieri oħra jistennewk tparpar minn did-dinja biex tbattlil-hom il-post? Tnejn u tletin sena, Eminenza, huma kbar wisq, u trid tkun qaddis biex l-unuri ma tixtiqhomx. Kif setgħu mela l-Kavalieri sħabek ma jitolbux 'l Alla jfittex jiġbrok bl-iskuża li int kont berbieqi, bniedem inkwiet, irvina tal-fondi ta' l-Ordni. Eminenza, int kont tħobb tinki wisq. Meta fi xjuħitek ġieli mradt, kont ixxerred ix-xniegħa li inti mejjet, imbagħad wara toħorġilhom fil-gallarija tal-palazz biex tieħu gost tara l-egħdew-wa tiegħek jinkeddu. Imma tnejn u tletin sena, nerġa' ngħidlek, huma tqal wisq. L-għadma tal-ħajja mexmixtha sa l-aħħar bħal kelb li m'għandux xaba'. Fit-tnejn u tletin sena ħakma tiegħek sar taqlib kbir fid-dinja. Kien ilek issaltan tmien snin meta xegħ-let il-Gwerra tas-Seba' Snin li spiċċat fl-1763. Fl-aħħar snin ta' ħajtek twieldet daqsxejn ta' tarbija f'Corsica li biż-żmien kellha tikber u tfarrak il-pompa ta' l-Ordni Ġerosolimitan u fi żmienek ukoll James Watt ivvinta l-makna ta' l-istim. Imma int moħħok biex tgħix u tibqa' tgħix ma kellekx il-ħila qabel mewtek tagħ-mel l-ikbar invenzjoni ta' ħajtek—issib il-ġebla tal-filosofu li kellha tibdel kull metall f'deheb mastizz, fin u msoffi, u terħi f'idejk is-saħħa kollha ta 'Mammona, saħħa li biha kont iddaħ-ħal is-slaten l-oħra f'qoxrithom u 'l dawk kollha li ma kenux jaħmluk. Fi żmienek rajt il-Polonja tinqasam qisha ħaruf imbiċ-ċer bejn il-ġirien tagħha rgħiba. Kif rajnieha aħna fi żmienna.*

*Iddeċidejt li tmut fl-1773 meta l-Papa Klement XIV neħħa l-Ordni tal-Ġiżwiti, donnu biex jagħti raġun lil Franza li keċ-ċiethom fl-1762, lil Carlos III, imperatur ta' Spanja fl-1767, u lilek, sultan ċkejken imitatur tas-slaten kbar, li għamilt bħalhom u keċċejthom fis-sena 1768. Eminenza, il-lum l-istorja nqalbet u reġa' kollox għalli kien. Il-Ġiżwiti mhux biss ma nqerdux bħall-Kavalieri, imma bħaż-żerriegħa t-tajba li jaqbadha r-riħ u jxer-*

*ridha fuq ir-raba' għammiel, xterdu mad-dinja kollha u fetħu kulleġġi bħal dak li inti ħadtilhom. Nistħajjel meta inti minn ġo l-inkwatru tiegħek, taraħom deħlin ġo San Ġwann, tiftakar fil-ġlieda li kellek magħhom, u min jaf, forsi titlob maħfra wkoll. Jien, Eminenza, insib lilek u l-Ġiżwiti simpatiċi ħafna. Bejnietkom kontu għedewwa ta' xulxin imma lilna l-Maltin it-tnejn għamiltulna ħafna ġid. Fil-gżira tagħna fejn il-Provvidenza għoġobha titfagħna, aħna l-Maltin qatt ma konna s-sidien imma dejjem qaddejja tal-barranin li ġew fostna għax għoġbithom l-art, imma qatt ma riedu jitħalltu magħna. Soċjalment warrbuna għalina, bħalma l-pajjiżi tad-dinja jwarrbu l-Lhud fil-*ghettoes, *bħalma l-Anglo-Sassoni warrbu lill-aboriġini fl-Awstralja, lill-Maoris fi New Zealand, u lill-Indjani Homor fl-Amerika.*
*Eminenza,*

*Eminenza, kif taf inti, biex mara Maltija ma titlifx in-nobbiltà lil binha kontu ġġagħluha tmur twelldu fi Sqallija. Il-lum għandna Kavalieri kemm trid, imma fi żmienek u fi żmien sħabek l-ebda Malti ma kien tajjeb biex jilħaq Kavalier. L-edukazzjoni kien ikollna nfittxuha fi Sqallija wkoll.*

*Insibhom simpatiċi lill-Ġiżwiti għax taw l-ewwel Kulleġġ li refa' t-tagħlim, u lilek, għax wara li ħadtulhom kellek is-sens tagħmlu Università. Quddiem il-monument tiegħek għidt f'qalbi: "Kelb u qattus f'ħajjithom, jalla fis-sema ma jkollhomx xi jgħiu u jsellmu lil xulxin!"*

*Tajtna Università. Għalqet il-180 sena minn mindu twaqqfet. L-istudenti ta' Malta oħra għamlu t-tifkira tagħha, li hija wkoll tifkira tiegħek. Grazzi ħafna, Eminenza! Li ma kontx int, iż-żgħir ma kienx ikun jista' jitgħallem. It-tagħlim għoli kien jibqa' miftuħ biss għal ulied il-kbar li għandhom flus biżżejjed biex jibagħtu 'l uliedhom f'Palermo, u fi żmienna Londra. Għalhekk għamilna t-tifkira tat-twaqqif ta' l-Università—Università tiegħek u Università tagħna. Jixraqlek monument kbir ta' l-irħam. Forsi għad isirlek. Bniedem interessanti, minfuħ bik innifsek, ċiniku, Voltairjan, inkejjuż, ridt tkun inti biex tagħti lil Malta Università. Avventurier, l-avventura tiegħek irnexxiet. L-avventura intellettwali li jisimha Università — l-Università Rjali ta' Malta.*

*Jalla l-ispirtu tiegħek isib dak il-mistrieħ li jistħoqq lil dawk in-nies li jħallu opra kbira lil ta' warajhom!*